**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Frar, 2018

Rikors Guramentat numru : 295/12 AL

**A B f'isimha proprju u f'isem iz-zewg ulied minuri Anwar u Maryanne ahwa B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi hija mizzewga mal-intimant u ghandhom tmint itfal, li tnejn minnhom ghadhom minorenni : Anwar ta' sbatax (17)-il sena u Maryanne ta' hmistax (15)-il sena, ahwa B;

Illi l-hajja in komun bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizji, theddid u ingurji gravi min-naha tal-intimat diretti lejn l-attrici u uliedhom, barra minn nuqqas ta' hlas

adegwat ta' manteniment kemm ghaliha u ghat-tfal;

Illi l-esponenti nghatat il-permess biex tmexxi b'dil-kawza Dok B;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi B u dan minhabba tortijiet imputabbli lill-intimand C B fosthom sevizji, theddid u ingurji gravi;
2. Tafda l-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minorenni Anwar u Maryanne ahwa B f'idejn l-attrici b'access xieraq ghal missierhom l-intimand;
3. Tiffissa retta alimentari xierqa ghall-attrici u ghaz-zewg ulied minorenni appena msemmija;
4. Tikkundanna lill-intimand C B jhallas din ir-retta alimentari hekk iffissata;
5. Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti, tillikwidaha u taqsamha f'zewg porzjonijiet b'mod li jkunu komminati kontra l-intimand id-disposizzjonijiet tal-Art. 48 tal-Kap. 16;

Bl-ispejjez kontra l-intimand imharrek minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li in forza taghha eccepixxa : (fol. 22)

1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti jaqbel li tigi ppronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti pero b'tortijiet imputabbli unikament lill-attrici inter alia minhabba abbandun kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u li dwarhom l-esponent qed jiddeduci talbiet opportuni f'kontro-talba hawn annessa. Ghalhekk it-talbiet attrici in kwantu jimputaw xi tort lill-eccipjent ghall-ksur tal-hajja mizzewwga huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. Illi fir-rigward tat-tieni talba, ma tezisti ebda raguni li il-kura u l-kustodja m'ghandhiex tibqa' wahda kongunta bejn il-partijiet genituri;
3. Illi fir-rigward tat-tielet talba, din m'ghandhiex tintlaqa' u partikolarment dwar il-manteniment tal-attrici ghax l-istess attrici tista' tmur tahdem u mhux tiddependi fuq l-ghajnuna socjali. Fir-rigward tal-manteniment tat-tfal, dan dejjem thallas mill-esponent anki meta kien qieghed u l-attrici ghandha wkoll obbligu li tmantni lil uliedha;
4. Illi r-raba' talba ghandha tigi michuda in kwantu gja ffissat u jithallas;
5. Illi fir-rigward tal-hames talba hemm qbil hlief li ma hemm xejn x'jigi assenjat lill-attrici kif ukoll id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, m'ghandhomx jigu impost kontra l-esponent;
6. Illi l-eccipjent m'ghandu ibati ebda spejjez stante li hija l-attrici li hija hatja tal-firda u rrendiet il-hajja konjugali impossibbli bl-abbandun u l-karattru taghha;
7. Salv eccezzjonijiet ohra;

Bl-ispejjez kontra l-attrici A B ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut, li permezz taghha ippremetta :

1. Illi l-partijiet izzewwgu civilment fit-30 ta' Gunju 1980 fl-Ingilterra u minn dan iz-zwieg huma ghandhom tmint itfal li tnejn minnhom ghadhom minorenni u cioe Anwar ta' 17-il sena u Maryanne ta' 15-il sena, ahwa B;
2. Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment u l-hajja matrimonjali ta' bejniethom saret impossibbli minhabba abbandun u ingurji gravi da parti tal-attrici l-esponent;
3. Illi l-esponent ghamel minn kollox sabiex issalva z-zwieg ta' bejn il-partijiet, pero' l-attrici kompliet bl-abbandun taghha fil-konfront tal-konvenut kif ukoll fil-konfront ta' uliedu;
4. Illi l-attrici kienet u ghadha intransigenti fit-talbiet taghha ta' kif ghandha tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti u mohhha biss biex tohloq problemi lill-konvenut;

5. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedu f'din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn dina il-Qorti;
6. Illi l-esponent qed jipprevalixxi ruhu mill-fakulta lilu moghti u jressaq din il-kontro-talba ghat-talbiet attrici skont il-ligi;
7. Illi l-fatti hawn dikjarati jafhom C B personalment;

Talab li l-attrici rikonvenzjonata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minhabba htija imputabbli lill-intimata billi hija rrendiet ruhha hatja fil-konfront tar-rikorrenti ta' sevizzi, ingurji gravi, abbandun u / jew adulterju, kif ukoll minhabba f'inkompatibilita ta' karattru;
2. Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrent ghalih u ghat-tfal minuri Anwar u Maryanne, ahwa B, retta alimentarja f'dak l-ammont u taht dawk il-modalitajiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa;
3. Tiddikjara xolta u terminata il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimata, u dan okkorrendo, ghall-finijiet ta' din it-talba bl-opera ta' periti nominandi u billi tigi stabbbilita data bhala d-data meta l-attrici tigi kkunsidrata li tkun hatja tal-firda b'tali mod li l-attrici titlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-konvenut;
4. Tordna d-dekadenza tal-intimata mill-jeddijiet konjugali kif mahsub fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Tikkundanna lill-intimata tikkonsenja lir-rikorrenti l-beni dotali u parafernali tieghu;
6. Tordna li l-kura u l-kustodja ta' uliedhom minuri Anwar u Maryanne tibqa' wahda kongunta bejn il-partijiet;
7. Tapplika kontra martu interament jew in parte d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 u / jew 51 sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Tappunta kuratur sabiex jirrapprezenta l-attrici fl-eventwali kontumacja taghha fuq l-att ta' divizjoni relattiva f'jum u hin u post stabbilit minn dina il-Qorti;
9. Tikkundanna lill-attrici sabiex tirrifondi kull somma li hi tkun irceviet bhala manteniment ghaliha pendente lite kif ukoll tirrifondi lil zewgha nofs l-ammonti imhallsa minnu fuq 'loan' sal-lum tas-sentenza u l-flus moghtija minn zewgha biex siefret kemm-il darba;
10. Tawtorizza lill-eccipjent jabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-attrici;

Bl-ispejjez kontra A B ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici rikonvenzjonata, li permezz taghha eccepiet : (fol. 31)

1. Illi filwaqt li taqbel li jkun hemm firda bejn il-partijiet hija tichad bil-qawwa kollha li kienet hi responsabbli ghal din il-firda;
2. Illi t-tieni talba hija barra minn lokha billi l-minuri Maryanne tghix maghha, u Anwar – ghalkemm mhux dejjem ikun id-dar – tiehu hsieb tixtrilu l-hwejjeg l-esponenti u titimghu hi wkoll;
3. Illi taqbel mat-tielet talba hlief ghall-parti tal-ahhar fejn ser tkun attribwita htija tal-firda fuq l-esponenti, u salv id-dritt ta' rilevanza u kreditu ta' kull ma wirtet l-esponenti minghand il-genituri taghha;
4. Illi tikkontesta r-raba' talba – ta' dekadenza – semmai attriwibbli lil zewgha;
5. Illi taqbel li kull naha tiehu lura l-beni parafernali, hlief li, safejn taf hi, beni dotali kellha l-esponenti biss ghax ir-irgiel m'ghandhomx dota;
6. Illi hi jidhrilha li jkun fl-interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata lilha u mhux lil zewgha;
7. Illi l-artikoli citati ghandhom ikunu applikati kontra zewgha;
8. Illi l-Qorti ghandha tichad l-ahhar tliet talbiet ta' zewgha billi infondati;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dottor Nadia Vella u d-dokumenti hemmhekk esebiti;

Rat l-affidavits kollha ppreżentati mill-attriċi, u d-dokumenti magħhom annessi.

Rat illi l-konvenut ma xehedx u ma ressaq ebda prova in sostenn tat-talbiet tiegħu u dan minkejja li l-Qorti nnominat lil Dottor Anna Mallia bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi tiegħu. Minkejja s-seduti ffissati minn Dottor Anna Mallia, huwa baqa' inadempjenti u ma ressaq ebda prova;

Rat illi ħadd mill-partijiet ma ppreżenta nota ta' sottomissjonijiet finali u dan minkejja li l-Qorti akkordat terminu għal dak l-iskop;

Il-Qorti tirrileva illi, għall-faċilita` tal-espressjoni u l-kjarezza, ser tirreferi invarjabbilment għal A B bħala r-"rikorrent" u/jew l-"attriċi" u/jew "l-omm" u għal C B bħala l-"intimat" u/jew il-"konvenut" u/jew "il-missier" – u dan minkejja l-eżistenza tal-kontro-talba relattiva.

Rat illi l-kawza giet diffeA ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B b'dan illi r-rikorrenti taġixxi f'isimha proprju u f'isem uliedha minuri Anwar u Maryanne. Illi inoltre, l-konvenut ipprevalixxa ruħu mill-fakolta` li tagħtih il-liġi sabiex iressaq il-kontro-talba tiegħu.

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur tal-attriċi li permezz tagħha telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba ħtijiet imputabbli unikament lilu u cioe sevizzji, theddid u inġurji gravi;
- Għal dak li jirrigwarda l-minuri Anwar u Maryanne, tikkontendi li għandha tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tagħhom b'aċċess xieraq versu l-missier;
- Rigward manteniment, titlob retta alimentarja għaliha u wkoll għal uliedha minuri;
- Titlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qasma tagħha;
- Titlob l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48 tal-Kodiċi Ċivili, fil-konfront tal-konvenut;

Permezz tal-kontro-talba tiegħu, il-konvenut rikonvenzjonant jitlob lill- Qorti sabiex:

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-attriċi minħabba ħtijiet fil-konfront tal-konvenut u cioe sevizzji, inġurji gravi, abbandun u /jew adulterju;
- Għal dak li jirrigwarda l-minuri Anwar u Maryanne, jikkontendi li l-kura u l-kustodja tagħhom għandha tibqa' waħda konġunta;
- Rigward manteniment, jitlob retta alimentarja għalih u għal uliedhom minuri;
- Jitlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qasma tagħha;
- Jitlob l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48 u/jew 51 tal-Kodiċi Ċivili, fil-konfront tal-attriċi;

- Tordna lill-attriċi sabiex tikkonsenjalu l-beni dotali u parafernali;
- Tikkundanna lill-attriċi sabiex tirrifondi kull somma li hija tkun irċeviet mingħandu bħala manteniment għaliha *pendente lite* kif ukoll tirrifondi nofs l-ammonti imħallsa minnu fuq self sal-jum tas-sentenza, u l-flus mogħtija minnu biex siefret kemm-il darba;
- Tawtorizza lill-konvenut jabita fid-dar matrimonjali ad esklużjoni tal-attriċi;

In viżta li l-konvenut ma ressaq ebda prova u lanqas xehed huwa stess sabiex jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti, il-Qorti qiegħda tiskarta l-kontro-talbiet tal-istess konvenut u mhux ser tieħu iktar konjizzjoni tagħhom.

1. **Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ**

Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, il-Qorti fl-ewwel lok, tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Permezz tal-affidavit tagħha[1], ir-**rikorrenti** tirrakkonta kif il-partijiet ilhom miżżewġin għal ħamsa u tletin (35) sena u minn dan iż-żwieġ twieldu tmint'itfal. Huma għexu għal għoxrin sena fil-Libja u għaliha din kienet ħajja ta' miżerja, mhux biss għaliex telqet il-familja tagħha u lil pajjiżha, iżda wkoll għaliex fil-Libja, il-mara m'għandha drittijiet ta' xejn u żewġha jqisha bħala

[1] Ara fol. 24 tal-proċess et seq.

oġġett. Għalhekk hija ddedikat ħajjitha għat-trobbija ta' uliedha li kienu jimlew il-ħin tagħha kollu.

Tixhed illi l-konvenut kellu l-vizzju tax-xorb illi fil-bidu kien jikkontrollah. Meta huma ġew Malta, beda jixrob iżjed u jsir aggressiv. Kien jaqla' l-ġlied għalxejn u jgħajjarha u jiġġieled magħha u saħansitra jerfa' jdejh fuqha u fuq it-tfal. It-tfal kienu jibżgħu minnu. Wara kien jiddispjaċih u jgħid li ser jibda paġna ġdida imma malajr kien jerġa' jirrepeti l-istess aġir.

Għal madwar erba' snin, il-partijiet marru jgħixu fl-appartament t'oħtha li aċċettatha mingħajr kera. Meta l-konvenut kien ikun xurban kien ikisser kull ma jiġi quddiem għajnejn u għalhekk ikkawża ħafna ħsara fl-istess appartament, tant illi l-attriċi ħallset lil oħtha disa' mitt ewro biex jagħmlu tajjeb għall-ħsarat.

Fid-dar kien ikollhom ħafna inkwiet għaliex il-konvenut kien moħħu biex lil uliedu l-bniet iżewwiġhom lil xi ħadd Għarbi bħalu. Partikolarment it-tifla l-kbira kienet għadha qed tistudja u ma kinitx trid tiżżewweġ lil xi ħadd Għarbi u kien ikollhom ħafna nkwiet dwar dan. Issemmi li darba minnhom kien hemm inċident fejn it-tifla l-kbira u missierha iġġieldu, hu kien ġibdilha xagħarha u hi kienet qasmitlu l-platt fuq rasu. Billi huwa kien xurban, l-attriċi bdiet tipprova tneħħi lil bintha minn taħt idejh. Peress li kellu rasu kollha demm, it-tifla kienet ħadet xokk kbir u kienet marret direttament tagħmel rapport l-għassa. L-għada, l-attriċi marret l-għassa ma' bintha fejn hija stqarret mal-Pulizija li kienet hi li qasmet il-platt fuq ras żewġha sabiex tevita li bintha tiġi fl-inkwiet. Ir-rapport ma kienx ġie segwit b'kawża għaliex ma kienx hemm min kien dispost jitla' l-Qorti biex jixhed. It-tfal l-oħrajn kibru wkoll u l-konvenut ried iżewwiġhom ukoll u minħabba f'hekk telqu mid-dar matrimonjali u marru jgħixu m'oħthom il-kbira, li meta kienet lestiet mill-istudju kienet telqet tgħix għal rasha.

Kellhom problemi finanzjarji f'Malta u anke fil-Libja għaliex ma riedx jagħtiha flus. Lanqas ried jagħtiha mill-Assistenza Soċjali li kienu jingħataw. Għalhekk id-Dipartiment beda jaqsam il-benefiċċji bejniethom. Biex tlaħħaq mal-ħajja, hija kienet tuża l-flus li wirtet minn żewġ propjetajiet tal-familja tagħha. Huwa ma

kienx jgħaddilha flus għall-kera, għall-ħajja, għall-kontijiet tad-dawl u l-ilma jew għall-edukazzjoni tat-tfal. Meta beda jaħdem il-Moskea, kien inqatagħlhom ir-relief u għalhekk hi bilfors kienet tiddependi mill-paga tiegħu. Meta hija nfurmatu li kienu nqatgħu il-flus tal-Assistenza Soċjali u wrietu l-ittra li kienet irċeviet, huwa kien irrabja u telaq mid-dar u qatt ma reġa' mar lura. Dan kien fl-aħħar tas-sajf tas-sena 2010[2].

Żewġha għadu barra mid-dar u hi ma tafx fejn jgħix. Preżentement, fid-dar matrimonjali baqgħu jgħixu l-attriċi u ħamest'itfal oħra. Huma m'għandhomx kuntatt mal-konvenut ħlief illi t-tifel iż-żgħir kien jgħix ġimgħa miegħu u ġimgħa mal-attriċi. Meta l-missier ikun xogħol ta' bil-lejl, it-tifel kien imur jgħix mal-attriċi.

Permezz tal-affidavit tagħha, oħt l-attriċi, **M'Doris Tabone**[3], ikkonfermat illi l-partijiet kienu jirrisjedu fil-post tagħha u ta' żewġha il-mejjet Carmelo Tabone li jinsab fl-indirizz 29, St. Edward Street, Birżebbuġa. Huma sellfuhom il-post mingħajr kera. Xehdet illi ġieli l-konvenut kien imur għandhom jitlobhom il-flus għax jgħid li ma kellhomx biżżejjed għall-ikel, iżda mbagħad kien imur jonfoq il-flus li jagħtuh fil-ħwienet tax-xorb. Meta l-attriċi infurmat lix-xhud b'dan, ix-xhud bdiet tgħaddi lil oħtha xirjiet tal-ikel minflok flus. Wara xi żmien, il-partijiet ingħataw post tal-gvern u għalhekk ħarġu mill-post ta' Birżebbuġa. Ix-xhud u żewġha sabu ħerba kbira fih, ħsarat minn fuq s'isfel. Żewġha kien talabhom xi flus għall-ħsarat biex seta' jerġa jagħmlu abitabbli u b'hekk ikunu jistgħu jinżlu jgħixu fih fis-sajf. Għalhekk l-attriċi offritilha is-somma t'erba' mitt Lira Maltija (Lm400) mill-flus li kienet wirtet, u huma b'rispett tagħha aċċettaw din is-somma. Wara xi sentejn li rranġaw il-post, il-konvenut talabhom iċ-ċwievet tiegħu biex idaħħal xi ħbieb tiegħu fih iżda huma rrabjaw miegħu u keċċewh u dik kienet l-aħħar darba li rawh.

Mix-xiehda ta' **Dr. Mario Maurice Abela M.D.**[4], ħu l-attriċi,

---

[2] Xiehda tal-attriċi mogħtija fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella fil-15 t'Ottubru 2013.

[3] L-affidavit tagħha jinsab fol. 53 et seq.tal-proċess

[4] Affidavit, fol. 55

jirriżulta li meta l-partijiet kienu jiġu Malta għall-btala, il-konvenut kien imur jixrob fil-bars u ħafna drabi kienu jmorru jfittxuh biex jevitaw illi jidħol fl-inkwiet, billi huwa kien isir insolenti u aggressiv bil-konsum tal-alkoħol. Huwa jikkonferma li l-konvenut kien għamel ħafna ħsara fil-propjeta t'oħtu Doris ġewwa Birżebbuġa. Xehed illi meta kienu bdew jgħixu hawn Malta, il-problema tal-alkoħol tal-konvenut kienet waħda kbira u kien jidħol f'ħafna inkwiet.

PRINĊIPJI LEGALI

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[5] ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Il-moħqrija, kif imsemmija fl-Artikolu 40 appena ċċitat, bħala bażi għas-separazzjoni personali, ġiet ritenuta minn ġurisprudenza kostanti bħala "sevizzi".[6] Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[7], deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

Fis-sentenza ġja ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, l-inġurji jew offiżi gravi ġew definiti bħala li

---

[5] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[6] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[7] Vol. XLV C.ii.708

*“jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta’ dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz”.*

Fis-sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom.”*

L-attriċi tilmenta wkoll mix-xeħħa ta’ żewġha fis-sens illi hija kienet trid toqgħod titolbu l-flus għall-għixien tagħha u tat-tmien uliedhom. Hija ġiet kostretta li titlob id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali sabiex jaqsam l-Assistenza Soċjali bejniethom. Ġiet ukoll fil-bżonn tal-assistenza t’oħtha li xi drabi kienet tgħaddilha xirja, minħabba li ma jkollhomx flus għall-ikel.

Illi f’diversi sentenzi tal-Qrati fosthom Speranza Salerno vs. Giuseppe Salerno[8], ġie ritenut:- *“che l’avarizia quando e portata agli eccessi puo essere cagione di continue ad incessanti molestie e sevizie da rendere insopportabile la convivenza coniugale”.* Fis-sentenza Josephine Bonello pro. et noe. vs. John Bonello[9] jingħad illi *“fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili”*.

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentement hemm lok għall-pronunzja tas-

---

[8] Deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta’ Ġunju 1933, Vol. XXVIII F p.44,kif rappurtata fis-sentenza Tanya Montesin pro. et noe. vs. Emmanuel Montesin, deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1311/2000/1RCP)

[9] Deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta` Novembru 1999, kif rappurtata fis-sentenza Tanya Montesin pro. et noe. vs. Emmanuel Montesin, deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1311/2000/1RCP)

separazzjoni personali bejn il-partijiet. Hija tal-fehma, illi f'dan l-istadju m'hemmx lok ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti wara li rat l-affidavits u d-dokumenti kollha prodotti, tasal għall-konklużjoni li l-aġir tal-konvenut kien tali li rrenda l-ħajja konjugali insapportabbli. Hija tixhed illi *"qatt ma tani xejn ħlief xogħol, tbatija tal-moħħ u tal-ġisem, "trouble" u inkwiet."* – dikjarazzjoni li tassew tagħmel għajb lill-konvenut, li naqas gravament fil-konfront ta' martu. Mhux talli, hija kienet kontinwament nieqsa mis-sapport morali tiegħu[10], imma lanqas kien kapaċi jipprovdi materjalment għall-familja tiegħu. Dana indubbjament jikkonsisti f'aġir sevizzjuż fil-konfront ta' martu. Huwa ħati wkoll li kkawżalha inġurji gravi billi kien jgħajjarha u jsawwatha.

Konsegwentement, hija l-fehma tal-Qorti illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bit-tort attribwibbli lill-konvenut li rrenda ruħu ħati ta' sevizzi, eċċessi u nġurji gravi fi-konvenut tal-attriċi.

## 2. Dwar il-Kura u Kustodja u Aċċess tal-minuri Anwar u Maryanne

Il-partijiet għandhom b'kollox tmien ulied, li minnhom, meta ġiet intavolata l-kawża fl-2011, Anwar u Maryanne kienu għadhom taħt l-eta' u kellhom sbatax-il sena u ħmistax-il sena rispettivament. Illi fil-mori tal-kawża dawna wkoll saru maġġorenni billi laħqu għaddew seba' snin. Illi għalhekk m'għadx baqa' kwistjonijiet ta' kura u kustodja tal-ulied minuri bejn il-partijiet.

Illi in vista li l-ulied huma lkoll maġġorenni, m'għadx hemm lok li l-Qorti tippronunċja ruħha dwar il-kura, l-kustodja u l-aċċess tal-ulied u għalhekk qed tastjeni minn deċiżjoni dwar din it-talba.

[10] Anzi huwa kien iħeġġeġ lil uliedhom sabiex ma jisimgħux milli tgħidilhom ommhom, meta kienet tikkoreġihom.

3. **<u>Dwar il-Manteniment dovut għall-attriċi u għal uliedha minuri</u>**

Dwar il-manteniment, l-attriċi xehdet[11] illi meta l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali, fil-bidu ma kien qed jgħaddilha xejn u għalhekk, fuq parir min-naħa tal-*labour office* kienet fetħet din il-kawża. Meta bdew il-proċeduri tal-medjazzjoni, il-medjatriċi kienet qaltlu illi ladarba t-tfal kienu tiegħu, hu jrid jagħtihom xi tip ta' manteniment u għalhekk minn dakinhar huwa beda jagħti manteniment għat-tfal iż-żgħar li kienu għadhom minuri. Huwa kien qiegħed jagħtiha mitejn ewro (€200) kull wieħed. Manteniment għall-attriċi personali ma kienx qiegħed jgħaddi u għalhekk il-medjatriċi wissietu illi biex jistgħu jaslu għal ftehim bonarju ried jagħti manteniment lil martu wkoll. Għalhekk il-konvenut beda jagħtiha ħamsin ewro (€50) bħala manteniment għaliha personali. B'hekk beda jgħaddilha b'kollox erbgħa mija u ħamsin ewro (€450) kull xahar u baqa' jgħaddihomlha regolarment sad-data tax-xiehda tal-attriċi.

L-attriċi qiegħda titlob manteniment kemm għaliha, kif ukoll għal uliedha. Kif intqal l-ulied kollha tal-partijiet huma sal-lum ilkoll maġġorenni. M'hemm xejn fl-atti proċesswali illi jindika illi xi ħadd minnhom għadu qiegħed jistudja b'mod fiss. Illi għalhekk m'hemmx lok ta' ordni ta' ħlas ta' manteniment għaż-żamma tagħhom.

L-attriċi tippretendi illi l-manteniment għaliha jkun fis-somma ta' seba' mitt Ewro (€700) fix-xahar u dana oltre nofs il-pensjoni tal-konvenut. Hija ma tispjegax kif waslet għal din is-somma minnha pretiża. Prova dwar l-introjtu tal-konvenut ma nġibitx, iżda huwa magħruf li għal xi żmien huwa kien jaħdem ma' furnar, u xi żmien ieħor fil-Moskea. Illi probabbilment, il-konvenut huwa wkoll f'dan l-istadju pensjonant.

L-attriċi ma taħdimx bi qligħ barra mid-dar. Hija llum għandha qrib il-ħamsa u sittin (65) sena in vista li twieldet fis-sena elf disa' mija tlieta u ħamsin (1953). Illi probabbilment hija

[11] Xiehda mogħtija fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella fil-15 t'Ottubru 2013

tikkwalifika sabiex tirċievi il-pensjoni tal-eta' mill-istat. Illi ċertament m'hemmx lok illi f'dan l-istadju toħroġ mid-dar biex taqla' l-għixien tagħha, sew għaliex hija llum anzjana, u wkoll li mhux xieraq li din il-mara li batiet matul il-ħajja miżżewġa kollha tagħha biex setgħet rabbiet tmien ulied, issa tmur taħdem għall-għixien tagħha. Illi inoltre, hija m'hijiex misjuba ħatja ta' xi tortijiet fit-tkissir taż-żwieġ u għalhekk m'hemm l-ebda raġuni il-għaliex m'għandux ikun il-konvenut illi jgħaddilha manteniment, oltre l-pensjoni li hija tista' tipperċepixxi.

In vista tal-premess, il-Qorti qiegħda tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi manteniment għaliha fis-somma ta' mitejn u tletin Ewro (€230) kull erba' ġimgħat. Il-manteniment iffissat jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Dan il-manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu, benefiċċju soċjali jew pensjoni li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Huwa dovut u jitħallas indipendentement minn kwalsijasi introjtu li tista' tipperċepixxi l-attriċi, inkluż xi pensjoni.

## 4. <u>Dwar it-Terminazzjoni u Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>

L-attriċi xehdet illi biex setgħet tlaħħaq mal-ħajja, hija kellha tuża l-flus li kienu ġejjin mill-wirt tal-ġenituri tagħha. Hija esebiet żewġ kuntratti[12]:

1. Kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Ivan Barbara[13] iddatat id-19 ta' Lulju 2001, illi permezz tiegħu l-attriċi u għaxar ħutha biegħu il-fond innumerat 37, Triq il-Kapuċċini, il-Marsa, bil-prezz ta' Lm9,000.
2. Kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Ruben Casingena[14], iddatat is-6 ta' Ġunju 2003, illi permezz tiegħu l-attriċi u għaxar ħutha biegħu il-fond mibni fuq il-plots 162 u 162A, Triq Dawret it-Torri, Santa Luċija, bil-prezz ta' Lm61,500.

[12] Meta tiddividi ir-rikavat ta' dawn il-fondi bdew ħdax-il aħwa, tasal għas-somma ta' €15,000 kull wieħed.
[13] Esebit fol. 79
[14] Esebit fol. 82

B'dawn l-istess flus, l-attriċi kienet xtrat ukoll karozza tal-marka Hyundai. Minkejja l-promessi tal-konvenut illi kien sejjer iħallasha tal-imsemmija karozza meta jkollu l-flus, huwa qatt ma rrimborsaha. Huwa kien juża l-istess vettura sabiex jaqla' l-flus, billi jużaha bħala *taxi* u jbiegħ il-ħaxix minnha. Il-flus li kien jaqla' kien iżomm għalih, mingħajr ma jgħaddi xejn lil martu. L-attriċi għalhekk titlob illi l-konvenut ikun ordnat jirrifondiha:

- Elf u ħames mitt ewro (€1500) li hija ġibdet mill-Bank minn fondi tagħha meta nqata' ir-relief, sabiex bihom setgħu jgħixu,
- Ħamest'elef ewro (€5000), il-prezz tal-vettura Hyundai, li l-Qorti tifhem għadha fil-pussess tiegħu,
- Disa' mitt ewro (€900) spejjeż fl-appartament t'oħtha,
- Il-flus kollha li wirtet li laħqu għal ħmistax-il elf ewro (€15,000),
- Tletin elf ewro (€30,000) għad-danni tal-abbuż mentali u fiżiku li żewġha għaddieha minnhom.

Il-Qorti, fl-ewwel lok, tirrileva illi t-talba tal-attriċi għad-danni morali hija insostenibbli fil-liġi Maltija u għalhekk din it-talba qiegħda tiġi immedjatament skartata.

Illi dwar it-talbiet l-oħra, hija l-fehma tal-Qorti illi s-somom mitluba mill-attriċi huma lkoll kompriżi fis-somma ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) li hija kisbet bħala wirt u dana stante illi ma jidhirx li kellha xi somom parafernali oħra. *Se mai* kien hemm xi depożiti parafernali oħra, ma nġiebet ebda prova tagħhom. Illi għalhekk fil-fehma tal-Qorti, kull ma nefqet l-attriċi kien ġej mill-wirt. Illi dawn is-somom parafernali tal-attriċi intefqu għall-familja u cioe għall-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet u għalhekk l-istess komunjoni tal-akkwisti hija debitriċi tal-attriċi fis-somma ta' ħmistax-il elf Ewro.

Illi l-uniku ass appartenenti lill-komunita' tal-akkwisti li possibilment għadu jeżisti hija l-karozza tat-tip Hyundai, in-numru tar-reġistrazzjoni tagħha mhux magħruf, liema vettura

għadha fil-pussess tal-konvenut. Hija fehma tal-Qorti illi l-istess vettura għandha tibqa' fil-pussess tal-konvenut, b'dana illi huwa għandu jirrimborsa lill-attriċi l-prezz sħiħ tagħha, stante illi l-vettura ġiet imħallsa minn fondi parafernali tagħha.

Illi meta mis-somma globali parafernali tal-attriċi ta' €15,000 tnaqqas il-prezz tal-vettura ta' €5,000, jirriżulta illi l-attriċi tibqa' kreditriċi tal-komunjoni tal-akkwisti fis-somma ta' għaxart'elef ewro (€10,000). Illi billi l-komunjoni tal-akkwisti tinqasam ugwalment f'żewġ partijiet, il-konvenut għandu jirrifondi lill-attriċi sehmu minn dan id-dejn li jlaħħaq is-somma ta' ħamest'elef ewro (€5,000). Is-somma rimanenti ta' ħamest'elef ewro (€5000) oħra tirriżulta li hija sehem l-istess attriċi mid-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti, dovuti lill-assi parafernali tagħha stess.

Għaldaqstant bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti qiegħda **tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B** u tordna dan li ġej:

1. Kull parti tkun sid tal-kontijiet bankarji, credit cards u faċilitajiet bankarji intestati f'isimha, kemm l-attiv u wkoll il-passiv;

2. Kull parti tkun sid esklussiv ta' kwalunkwe oġġett mobbli, inkluż għamara u appliances, li jinsab fil-pussess tagħha u li sal-lum kien jagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

3. Il-konvenut qiegħed jiġi assenjat il-vetturi tal-għamla Hyundai u kwalunkwe piż jew dejn li jista' jkun abbinat magħha.

4. Il-konvenut qiegħed jiġi ordnat iħallas lill-attriċi is-somma ta' darba ta' ħamest'elef Ewro (€5,000), bl-imgħax legali kontrih, dekorribbli mid-data tal-preżenti, sad-data tal-pagament effettiv, liema somma tirrappreżenta l-prezz

tal-vettura Hyundai li tħallset unikament mill-fondi parafernali tal-attriċi.

5. Il-konvenut qiegħed jiġi ordnat iħallas lill-attriċi somma oħra ta' darba ta' ħamest'elef Ewro (€5,000), bl-imgħax legali kontrih, dekorribbli mid-data tal-preżenti, sad-data tal-pagament effettiv, liema somma tirrappreżenta sehem il-konvenut mid-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti favur l-assi parafernali tal-attriċi.

6. L-attriċi qiegħda tiġi assenjata wkoll esklussivament kwalsiasi titolu li l-partijiet seta' kellhom jew għad għandhom fuq id-dar matrimonjali.

## 5. Dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut

Kif diġa ntqal, fl-ewwel parti ta' din is-sentenza, illi trattat ir-responsabilita` tat-tkissir taż-żwieġ, iż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B sfaxxa għal ħtijiet imputabbli lill-konvenut illi rrenda ruħu ħati ta' sevizzi, eċċessi u inġurji gravi fil-konfront tal-attriċi.

Dan it-tort imputabbli lill-konvenut huwa komminat fl-Artikolu 40 u għalhekk il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kodiċi Ċivili, jekk tapplikax id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 et seq. Dana b'differenza mill-każ meta l-firda personali tkun motivata mill-abbandun u l-adulterju, stante li dawn iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi mandatorji u li jridu jiġu applikati dejjem mill-Qorti fil-konfront tal-ħatja, ai termini tal-istess Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

L-Artikolu 48 jistipula: ***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[15];***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

Il-Qorti hija tal-fehma illi għandha tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha appena ċċitati u tistabbilixxi id-data tat-30 ta' Settembru 2010, bħala d-data minn meta l-konvenut kien ħati tal-firda.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, bi ħtijiet ta' eċċessi, sevizzi u inġurji gravi imputabbli lill-konvenut;

[2] Tastjeni milli tiddeċiedi dwar it-tieni talba tar-rikorrenti relattiva għall-kura u l-kustodja tal-ulied illum maġġorenni tal-partijiet;

[3] Tilqa' t-tielet u r-raba' talba tar-rikorrenti limitatament fis-sens illi tiċħadha in kwantu l-attriċi qiegħda titlob manteniment

[15] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

għal uliedha, u tilqagħha in kwantu qiegħda titlob il-manteniment għaliha u konsegwentement tordna lill-intimat iħallas lill-attriċi manteniment għaliha fis-somma ta' mitejn u tletin Ewro (€230) kull erba' ġimgħat. Il-manteniment iffissat jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Dan il-manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu, benefiċċju soċjali jew pensjoni li jista' jipperċepixxi l-konvenut.

[4] Tilqa' l-ħames talba attriċi u konsegwentement tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet konjuġi B u tordna s-segwenti:

a) Kull parti tkun sid tal-kontijiet bankarji, credit cards u faċilitajiet bankarji intestati f'isimha, kemm l-attiv u wkoll il-passiv;

b) Kull parti tkun sid esklussiv ta' kwalunkwe oġġett mobbli, inkluż għamara u appliances, li jinsab fil-pussess tagħha u li sal-lum kien jagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

c) Il-konvenut qiegħed jiġi assenjat il-vetturi tal-għamla Hyundai u kwalunkwe piż jew dejn li jista' jkun abbinat magħha.

d) Il-konvenut qiegħed jiġi ordnat iħallas lill-attriċi is-somma ta' darba ta' ħamest'elef Ewro (€5,000), bl-imgħax legali kontrih, dekorribbli mid-data tal-preżenti, sad-data tal-pagament effettiv, liema somma tirrappreżenta l-prezz tal-vettura Hyundai li tħallset unikament mill-fondi parafernali tal-attriċi.

e) Il-konvenut qiegħed jiġi ordnat iħallas lill-attriċi somma oħra ta' darba ta' ħamest'elef Ewro (€5,000), bl-imgħax legali kontrih, dekorribbli mid-data tal-preżenti, sad-data

tal-pagament effettiv, liema somma tirrappreżenta sehem il-konvenut mid-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti favur l-assi parafernali tal-attriċi.

f) L-attriċi qiegħda tiġi assenjata wkoll esklussivament kwalsiasi titolu li l-partijiet seta' kellhom jew għad għandhom fuq id-dar matrimonjali;

[5] Tilqa' wkoll il-ħames talba attriċi billi tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili u tistabbilixxi id-data tat-30 ta' Settembru 2010, bħala d-data minn meta l-konvenut kien ħati tal-firda.

[6] Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali kollha tal-konvenut fuq nuqqas ta' provi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.